# *FOLKLORE* MALTI

(FRÂK BIEX MA JINTILEFX)

Fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti" dehru xi taqbiliet ħelwin filfehma tagħhom u ta' min igħożżhom, li A. C. għaraf iġib wisq tajjeb taħt l-isem ta' Folklore Malti.

Kollha laqtuni sħiħ, iżda l-aktar dik li, kif qalilna A. C., qalhielu Mosê, il-compożitur tal-Malti. Laqtitni għax kemm jien u kemm ħuti għadna ntennuha sal-lum qabel norqdu kif kienet tgħallimna ngħiduha ommi, mita konna għadna żgħar biż-żieda ta' żewġ versi oħra, u, wara, versi oħra kif jidher hawn taħt.

(1) Se' norqod u nistrieħ
għal Alla u għall-erwieħ;
Se' norqod u nirpoża,
f'ġieħ Alla u Santa Roża;
Se' norqod u nimtedd
f'ġieħ Alla u San Ġużepp,

(2) Sodda . . . salib
imħadda . . . kuruna
Min iħobb lill-Bambin ċkejken,
ikollu xorti fil-ventura.

Missieri jgħid li meta n-nanna kienet traqqadhom u tibda tgħidilhom biex igħidu magħha xi talbiet, waqt li kienet tkebbibhom tajjeb wieħed wieħed fil-friex, kienet iġġegħilhom igħidu hekk:

Se' norqod u nistrieħ
għal Alla u għall-erwieħ;
Se' norqod u nirpoża
ma nibża' mill-ebda ħaġa.
Kristu, San Pietru, San Pawl
jekk hawn xi għajn ħażina
taqbeż il-barra minn hawn.

Ommi, nżżi ħajr 'l Alla, għadha mimlija bil-għomor. Sa minn ċkunitha, tgħid li kienet tħobb it-taqbil u l-għana Malti. Xi drabi ddum nofs siegħa tqabbel bla taf sewwa minn fejn tgħallmet xi taqbiliet sbieħ,għalkemm tgħid li 'l ommha dejjem

kienet tismagħha tqabbel u tgħanni xi drabi l-jum kollu. Qgħadt bil-qegħda ħdejha naqra l-folklore li ġieb "Il-Malti" u rħilha titbissem u tkabbel. Qaltli li wara t-taqbila (2) ingħidu din ukoll li dari kienet f'ħalq kullħadd:

(3) Ġesù Bambin
kemm int ħelu u ħanin,
bl-imħabba li tajtni,
biha ksirtli qalbi.
Qalbi lilek, sinjur, nati,
għax inżilt mis-sema tbati,
tbati mingħajr ħtija,
fejn ħallejt ħajtek għalija,
m'mindu kont ċkejken tarbija.

## SKUNĠRAR U RIQI

Dwar il-ħatem tal-qarnita l-ġara għandha ħatem li ġiet li tisilfu lin-nies biex ifejjaq xi mard tal-għajnejn. Xi snin ilu z-zija sselfitu biex ħuha jfieq minn marda li kellu f'għajnu jgħidulha, qarnita. Dan il-ħatem aktarx imbierek u ma tisilfux kif ġieb u laħaq. Tgħid li hu tal-familja sa minn snin ilu, u l-lum tgħożżu daqs dawl għajneha. (X'jidhirlek!) Il-kuġina li qegħda maz-zijiet, tgħallmet xi talba u din it-taqbila dwar il-ħatem tal-qarnita. Din it-taqbila għandha minn dik li dehret fl-ewwel għadd tal-Malti 1931, Paġ. 18, li, kif tathieli miktuba xi ġimgħa ilu, nġibuha hawn taħt ukoll:

Basla . . . baslata,
Palma . . . palmata,
reġina . . . nkurunata,
mort il-baħar
rajtha fuq blata
għedtilha Marija x'għandek
qaltli għandi għajni tuġani
mort fuq bort (1)
sibt busbiesa ħelwa
saqqejtha bid-dmugħ ta' għajnejja
Santa Margerita
fejjaqli l-qarnita.

Ħal-Lia.

M. A.

(1) Forsi: (borg, bont jew bord).